# *VICENTE BLASCO IBANEZ U XI RUMANZI TIEGHU*

Fis-snin li l-awtur Ingliż, Thomas Hardy, kien qiegħed jiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku bir-rumanzi tiegħu li, għax ilkoll għandhom bħala sfond tagħhom il-provinċja ta' Wessex, jissejħu *Wessex novels,* fi Spanja, kittieba kbar daqsu fis-sengħa tal-kelma u l-qawwa tal-immaġinazzjoni, waqqfu b'dil-kitba reġjonali l-isħaħ kolonni tal-proża Spanjola. Din l-għamla ta' kitba l-Ispanjoli jsejħulha *regionalismo.* Tnejn huma l-elementi li tiltaqa' magħhom f'kull rumanz reġjonali — il-lewn lokali u r-rakkont. Jiġifieri r-rumanzier ifittex u jsib għajn ta' ispirazzjoni li ma tinxef qatt fil-leġġendi, fid-drawwiet qodma, fl-istorja, fil-festi, fil-ġmiel jew kruha tan-natura, tal-provinċja li fiha jkun trabba u kiber. Wisq drabi, biex il-kittieb joħloq aħjar dan l-ambjent, arah iġiblek il-persunaġġi jitħaddtu bid-djalett tal-provinċja. Il-*background* huwa lokalizzat. Imbagħad fuq dan l-isfond pittoresk, l-awtur jifrex il-ġrajjiet tal-istorja. Deskrizzjoni u azzjoni. Miż-żwieġ armonjuż ta' dawn iż-żewġ elementi, l-awturi Spanjoli ħarġu xogħlijiet kbar, u l-qarrej, wara li jkun qrahom, għandu jkollu stampa ċara tal-ħajja provinċjali Spanjola. Suġġett ta' dan l-artiklu huwa Vicente Blasco Ibañez (1867-1928) imwieled f'Valencia, belt kapitali tal-provinċja tal-istess isem li tagħha dan l-awtur huwa l-akbar rappreżentant letterarju. Bħall-kittieba sħabu ta' dan il-perijodu, Blasco Ibañez qabad it-triq twila li twassal għall-fama bil-produzzjoni ta' rumanzi reġjonali. Bosta huma l-ħbieb u l-kritiċi ta' dan l-awtur li jgħidu li l-kobor u l-glorja tiegħu jinsabu fir-rumanzi reġjonali ,aktar milli f'dawk li ġew wara.

*La Barraca (Ir-Razzett)* huwa wieħed mill-ewwel rumanzi reġjonali li kiteb Blasco Ibañez. Bħalma Thomas Hardy fir-*Return of the Native* jara l-ispirtu tan-Natura f'*Egdon Heath,* xagħra miksija bil-blat u ħxejjex selvaġġi li tisfida d-dirgħajn tal-bniedem li jridu jikkoltivawha, hekk f'*La Barraca* il-*huerta* (1) valenzjana bil-bdiewa ħorox u żorri li trabbi, tin-

---

(1) Il-kampanja. Hekk jissejjaħ ir-raba' li jagħti żewġ uċuħ fis-sena.

żamm il-ħin kollu quddiemna bħala spirtu ħaj li jieħu sehem f'dak kollu li jiġri madwaru. Is-saħta tal-inħawi niżlet fuq l-għelieqi tal-bidwi Barret meta dan kellu jwarrab mill-artijiet imsoqqija bl-għaraq tiegħu u ta' misserijietu, għax ġew fuqu s-snin tal-għaks u ma setax iħallas il-qbiela lis-sid ta' l-art. Minn dak inhar li Barret kien ikkundannat għall-mewt talli ħanxar ras is-sid, bdew jinbtu mill-art misħuta l-ħxejjex ħżiena, beda jaqa' l-bini tar-razzett, u bħal bniedem wieħed ħalfu l-bdiewa sħabu li dawk l-għelieqi kellhom jibqgħu bla maħduma għal dejjem bħala monument ħaj tal-ġustizzja qalila tal-*huerta*. Għalhekk meta wasal Batiste Morrull bil-familja biex jieħu dawk l-għelieqi taħt idejh u jgħammar fir-razzett, qamet għalih il-qilla u l-mibegħda kollha tal-bdiewa, li fil-għamil tiegħu raw ksur u sfida tas-sentenza tal-*huerta*. Bħal baħrija ta' riżq ħażin jidwi f'widnejna l-parir għaqli tar-ragħaj agħma li sikwit kien iwissi lil Morrull biex jitlaq l-artijiet tas-saħta. *Fill meu, fill meu! Te portaran desgrasia!* Imdawwar bl-insulti, bit-theddid, bil-mibegħda u bl-inkejja li jaqgħu fuqu, u fuq uliedu ċkejkna, mit-toroq, mid-djar u mill-għerejjex tal-qasab, Batiste jżomm iebes. Imma meta l-Qorti tal-Ilma waħħlitu multa ħarxa għax qalu li ħa ilma tas-sieqja aktar milli messu, meta ferewlu ż-żiemel li bih ried jaħrat l-art, Batiste ħass ruħu mgħaffeġ b'din il-vendetta tal-biża'. Jibqa' jinfirex quddiem għajnejna att wara ieħor f'din it-traġedja rurali, ilestuna għall-aħħar xena grandjuża, meta l-bdiewa jagħtu n-nar, fil-ħemda tal-lejl, lir-razzett tal-għadu mibgħud tagħhom. Batiste, imdawwar b'martu u b'uliedu, iħares imbellah f'fataliżmu orjentali lejn l-ilsna tan-nar li jibdlu f'ġamar u rmied il-ħolmiet tiegħu ta' xogħol u sliem. L-ebda traġiku Grieg ta' żmenijiet il-qedem ma kien iħarrek il-kordi tal-ħniena f'qalb il-qarrej aktar milli jagħmel Blasco Ibañez f'dan ir-rumanz b'sengħa ta' mgħallem. In-Natura mimlija ħajja fid-dawl li joħloq il-pinzell artistiku tal-kittieb, is-saħħa tal-passjonijiet ta' qilla u mibegħda, ir-responsabiltà tad-dmir, is-sollennità reliġjuża tal-pathos, il-fataliżmu tad-destin, huma l-kwalitajiet li flimkien jibnu l-kobor traġiku ta' *La Barraca*. L-awtur innifsu ħass li dan ir-rumanz kien il-glorja ta' ħajtu letterarja meta qal, "Li nikteb x'nikteb, jien nibqa' dejjem il-kittieb ċelebri ta' *La Barraca*".

L-istess preġji letterarji li niltaqgħu magħhom f'dan ir-rumanz, jiġifieri deskrizzjonijiet imdawwla li joħolqu *background*

ċar u xieraq għall-azzjoni tal-istorja, ħakma fuq il-passjonijiet ta' mħabba, ħniena, qilla u mibegħda murija fil-persunaġġi, psikoloġija fina fil-moħħ u l-ħajja tan-nies raħlija, nsibuhom ukoll f'*Cañas y Barro*, miktub meta l-awtur kellu 35 sena, għeluq tal-karriera tiegħu bħala rumanzier reġjonali. Did-darba x-xena hija l-Albufera, lag kbir ħdejn il-belt ta' Valencia, miksi b'*qasab u tajn*. Il-persunaġġi huma s-sajjieda li jgħixu max-xtut tagħha, nies foqra, imsawta bix-xemx u s-sried tal-lejl, marradija minħabba l-ikel ħażin tagħhom. F'*La Barraca* naraw lill-bdiewa jinġemgħu quddiem is-seba' mħallfin xjuħ tat-Tribunal tal-Ilma li jordnaw kif, f'liema ħinijiet, u kemm għandu jedd kull wieħed mill-gabillotti għall-ilma tas-sieqja. F'*Cañas y Barro* is-sajjieda jinġabru f'sala fejn imħallfin magħżulin minn fosthom iqassmulhom bix-xorti il-wiċċ tal-lag porzjon porzjon. Min jitla' ismu l-ewwel ikollu d-dritt għal sena sħiħa jistad fl-aħjar qasam tal-lag fejn jiżgħed il-ħut u s-sallur. Id-deċisjoni hija finali. Tgergir xejn. Illum jien, għada int. Biss l-irġulija u l-ħbiberija bejn dawn is-sajjieda, aħwa fil-miżerja, titlob li r-rebbieħ jisqi u jifraħ ma' sħabu fil-ħwienet tax-xorb għal dik il-lejla. Imbagħad fl-istaġun tal-kaċċa jinżlu s-sinjuri mill-belt għat-tajr li jbejjet ġol-qasab u jittajjar fuq l-ilmijiet tal-lag. Is-sajjieda jaħżnu ikel u xorb bix-xaba' fuq id-dgħajjes biex jieħdu s-sinjuri fil-lag, isibulhom moħba tajba qalb il-qasab u jibqgħu hemm għal ġranet sħaħ. L-ajru jimtela tfaqqigħ ta' l-isparar. Jidħlu l-flus u tinkiser il-monotonija tal-ħajja. Madwar dan il-lewn lokali, l-awtur jinseġ il-ħjut tal-istorja tiegħu, ġrajja essenzjalment traġika bħal dik ta' *La Barraca*. Ta' natura tixxiebah huwa r-rumanz l-ieħor *Flor De Mayo*. Sajjied ta' port ċkejken kiseb l-isbaħ ħolma ta' ħajtu meta ġemma' flus biżżejjed biex jixtri vapurett, il-*Ward Ta' Mejju*, li beda jmur jistad bih flimkien ma' żagħżugħ iltim li rabba u għajjex miegħu. Imma meta s-sajjied sar jaf li l-iltim kellu x'jaqsam mal-mara, stenna lejla li fiha t-tvenvin tar-riħ ħabbar baħar imqalleb. Qal liż-żagħżugħ biex jitla' miegħu fid-dgħajsa, qadef 'il barra u hemm ħalla n-Natura mgħaddba tagħmel ħaqq minnu u mill-ħati bil-għarqa.

Hemm ħaġa waħda li fiha dawn il-tliet rumanzi jaqblu bejniethom aktar minn f'aspetti oħra. Irrid ingħid, il-kondizzjoni soċjali tal-persunaġġi. Ilkoll huma wlied l-art u l-baħar. Bħall-elementi li fihom jitrabbew u jgħaddu għomorhom, dawn

il-ħbieb għeżież tan-Natura, għandhom fi kliemhom u f'għamilhom dik is-sinċerità goffa li tolqtok bis-sempliċità tagħha, imma daqshekk ieħor għandhom dik il-ħruxija u s-saħħa brutali tat-tempesti u tal-baħar imqalleb fis-sigħat tagħhom ta' korla u ta' qilla. Mingħajr artifiċjalità fl-imġiba tagħhom, mingħajr il-maskri giddieba tas-soċjetà rfinata, dawn in-nies u l-ħajja iebsa tagħhom jagħtu l-materjal li fuqu tista' taħdem ħielsa u fil-wisa' l-arti realistika. B'dawn ir-rumanzi reġjonali Blasco Ibañez wassal l-iskola ta' kitba realista Spanjola fil-quċċata tagħha.

Jinbidlu t-tipi tal-karattri, jisbieħ l-isfond tal-istorja, jaħrab is-sħab iswed tat-traġedja, fir-rumanz *Entre Naranjos. Qalb is-siġar tal-larinġ*, tapit aħdar tal-widien u oqsma kbar, li mal-wasla tar-rebbiegħa jtaqqlu l-arja bil-fwieħa qawwija li jarmi ż-żahar; imsieħba mill-istedin tal-għana tal-użinjol li jħoll is-sensi; fuq id-dgħajsa ma' tul ix-xmara Jucar, titwieled l-għanja tal-imħabba bejn il-kantatriċi Leonora u ż-żagħżugħ Rafael, u tinfexx f'sakra li tiddieħak bit-tqasqis sindikajr tan-nies ġirien. It-trijonf tal-ħajja, in-natura daħkana u mqarba, stampa mill-isbaħ li tfakkrek fl-imħabba tal-allat tal-mitoloġija Griega jista' jissejjaħ dan ir-rumanz poetiku. Nagħlaq l-ewwel fażi fil-ħajja letterarja ta' Blasco Ibañez b'osservazzjoni waħda li hija l-muftieħ tas-suċċess u t-tifħir bla tlaqliq li għandhom jingħataw lilu f'din l-għamla ta' kitba. F'dawn ir-rumanzi l-awtur qagħad għall-akbar kmandament tal-letteratura pura, kmandament li jinġabar fil-formula "Arti għall-Arti nfisha", ħaġa li ma nistgħux ngħiduha għar-rumanzi li kiteb fit-tieni żmien ta' ħajtu meta huwa għamel mir-rumanz għodda qawwija biex iwassal il-fehmiet tiegħu politiċi-soċjali lill-qarrejja bil-ħsieb wieħed ċar li jdawwarhom għall-idejat tiegħu. Kiteb fi kliem ieħor rumanzi soċjali, u għalhekk qabel nitħaddtu fuqhom irridu nagħtu ħarsa ħafifa lejn il-ħajja politika ta' żmenijietu.

Kienet ġrajja deċisiva f'ħajtu meta Blasco Ibañez telaq ta' tmintax-il sena l-istudju tal-liġi biex imur Madrid, bejta tal-intrigi politiċi. Tnejn kienu l-partiti kbar li fid-differenza tal-programm tagħhom kienu juru wisq tajjeb il-firda fil-ħsieb u s-sentimenti tal-poplu Spanjol. Partit wieħed kien konservattiv, favur il-monarkija, tradizzjonalist għax jemmen b'dak kollu qadim, tajjeb għax ippruvat biż-żmien, u kattolku fl-ispirtu

tiegħu. Fit-tarf l-ieħor kien hemm ir-Republikani, għedewwa bil-ħalfa tar-rejiet, rivoluzzjonarji fil-programm għaliex l-ideali tagħhom kienu dawk tar-Rivoluzzjoni Franċiża tal-1789, b'xejriet qawwija anti-klerikali fost x'uħud minnhom li emmnu fix-Xjenza bħala r-reliġjon tad-dinja moderna. It-triq tad-destin ta' Spanja kienet tinferaq fi tnejn — jew kontinwazzjoni tal-istorja Kattolka, jonkella qtugħ mill-ħoloq ta' l-imgħoddi biex tinbena Spanja b'wiċċ ieħor. Ġlieda ta' ideoloġiji li tajret ix-xrar tan-nar u tad-demm fil-Gwerra Ċivili tal-1936.

Leħen li l-aktar ippriedka u xerred l-idea tar-Repubblika kien dak ta' Blasco Ibañez, bniedem ta' temperament ribelli u ġelliedi, li ħoloq leġġenda madwar ismu qabel ma warrab mill-politka wara li l-bokkla taċ-ċinturin salvatlu ħajtu fi dwell bil-pistoli. In-nar tal-oratorja rivoluzzjonarja, il-fehmiet radikali żżejjed imfissrin fil-ġurnal tiegħu *Il-Poplu,* il-ħruxija tal-attakki fuq l-Altar u t-Tron, qajmu kontrih dewwidija t'għedewwa, li fil-għeluq tal-ħabs u l-bogħod tal-eżilju kienu jsibu l-aħjar mezz biex iżommu sfieket dak il-ħalq perikuluż. L-awtur innifsu jfakkar kif fl-1895 kellu jaħrab bis-serqa għall-Italja, liebes ta' baħri, talli kien mexxa dimostrazzjoni kbira kontra l-gwerra kolonjali f'Cuba, dimostrazzjoni li tbiddlet f'moviment sedizzjus kontra l-gvern. Wara li dam jiġġerra tliet xhur fl-Italja, dawra li tagħtu l-materjal għall-ktieb *En El Pais del Arte,* Ibañez igħidilna: "erġajt lura lejn Spanja, fejn qorti marzjali kkundannatni għal 4 snin ħabs. Domt magħluq aktar minn tnax-il xahar u sofrejt il-ħruxijiet kollha ta' qilla maħsuba u kiefra. Meta bidluli s-sentenza, itturufnawni Madrid, mingħajr dubju ta' xejn biex inkun aktar fejn jista' jilħaqni l-gvern u jżommni taħt għajnejh; u sa fl-aħħar il-poplu ta' Valencia tellagħni deputat, u hekk, bis-saħħa tal-immunità parlamentari, ħlist minn persekuzzjonijiet ġodda." Minħabba fih, madankollu, tressqet mozzjoni fil-parlament biex jitneħħa dan il-privileġġ tal-membri. Mill-kotra ta' esperjenzi li ltaqa' magħhom fil-ħajja ta' politikant u mill-ħrara li biha kien jemmen fil-kredu politiku tiegħu Blasco Ibañez kiteb erba' rumanzi soċjali, li fihom ixerred il-fehmiet soċjalisti tiegħu, jurina l-ħajja soċjali Spanjola ta' żmienu, u joħloq erba' tipi ta' rivoluzzjonarji xbieha tiegħu.

*La Catedral* (1903) huwa l-ewwel wieħed. Id-dlamijiet tal-lejl jintrefgħu mas-sebħ u quddiemna jibda jieħu sura l-katid-

ral qadim ta' Toledo, nieqa tal-Kattoliċiżmu Spanjol. Riesaq lejh nilmħu lill-anarkista Gabriel Luna, maħrub mill-qilla ġusta tas-soċjetà li ried ifarrak, ikaxkar ġismu marid biex jistrieħ fis-skiet imqaddes tal-katidral fejn trabba u tgħallem. Bħall-irħam kiesaħ tal-kolonni, bla qalb u bla fehem, ried isir —jinsa d-dinja u l-imgħoddi. Imma n-nirien tal-appostolat qermiedi tiegħu ma jistgħux jintfew. Jiżra' fil-qlub tal-impjegati tal-katidral iż-żerriegħa tad-dubju u tat-taħwid. Fit-taħdidiet twal li jkollu magħhom u mal-qassisin, Luna jferragħ sa l-inqas qatra tal-filosofija tiegħu. Jitkellem fuq kollox: fuq il-poema kbira tal-bidu tal-ħolqien, twelid il-bniedem fuq l-art u n-natura tiegħu, fuq l-għeġubijiet mifruxa ġo wesgħat is-sema, fuq it-tqassim tal-ġid, fuq iż-żwieġ. Seba' mitt sena tal-istorja mqallba ta' Spanja jgħaddu minn quddiem moħħu u kull perijodu jiflih u jagħtih tifsira personali li tista' ssejħilha tkissira tal-valuri tradizzjonali. Jitbaqbaq bi kliem il-għadab malli jmiss mal-monarkija, mal-militariżmu u mas-sehem tal-Kattoliċiżmu fl-istorja nazzjonali. Il-qarrej jiġri mal-ħarba mlebbta ta' ħsebijiet Gabriel Luna u jistħajlu fi ħmar il-lejl, maqbud ġo nofs riefnu qawwi li jibqa' jballtu waqt li jsuqu bla saħħa quddiemu. L-anarkista jibqa' sejjer jgħid: Għad jidher Bniedem fis-sekli mbiegħda, imnaddaf mit-tbajja' kollha tal-egoiżmu li għadhom ijassruna, u jibni soċjetà ġdida fuq is-sisien ġodda tal-imħabba, tar-Raġuni sultana, u tal-ftehim voluntarju. Jinħallu l-ktajjen oppressivi tal-liġijiet tal-Istat u jgħib l-azzarin misħut tal-militar. Minn din it-taħlita ta' qerda u ta' ħolm mill-iżjed poetiku, minn din iċ-ċaħda totali tal-imgħoddi u fidi għamja fil-ġejjieni tal-bniedem għandek miġbura l-essenza tal-anarkija, teorija politika li tibqa' marbuta għal dejjem mal-isem tal-qassis il-kbir tagħha, ir-Russu Mikhail Bakunin (1814-'76). Għas-saħħa li kellha dit-teorija fi Spanja, fittex fil-paġni mċappsa bid-demm tal-istorja tagħha tul l-aħħar tmenin sena. Gabriel Luna huwa ritratt fidil tal-eluf tal-appostli viżjonarji li ppriedkawha fi Spanja u fl-artijiet l-oħra Latini.

Jekk *La Catedral* jirrappreżenta l-ġlieda fit-teorija bejn Kattoliċiżmu u Anti-Klerikaliżmu, *El Intruso* (1904) jurina dawn iż-żewġ ġganti mqabbdin sider ma' sider f'taqbida salmewt. Ix-xena hija Bilbao, belt industrijali fejn titrabba t-theddida tal-proletarjat misruq mill-fidi ta' misserijietu bil-

propaganda xewwiexa. L-innijiet ta' tifħir lill-Madonna ta' Begonja li l-fidili qegħdin jinkurunaw jitħalltu mal-*Internazzjonal* tal-ħaddiema bl-istrajk li jippruvaw jagħtu n-nar lill-kunvent u jċarrtu t-tiżjin tal-festa. Il-fidili jibqgħu sejrin bil-purċissjoni, fuq sidirhom baġġ kbira tal-Verġni, sakemm mit-tgħajir u ħars ikrah tfernaq battalja li fiha jiġri d-demm. Sakrileġġi bħal dawn kienu ġrajja ta' kuljum fiż-żmenijiet li kiteb fihom Blasco Ibañez sal-Gwerra Ċivili, dnubiet li xi drabi kienu jaħtuhom il-mardiet soċjali tal-pajjiż. Tumur f'ġisem Spanja kienet il-problema li jittratta l-awtur f'*La Bodega (Il-Kantina tal-Inbid)*. Ftit sidien, werrieta tan-nobiltà li ħadet sehem fit-tkeċċija tal-Għarab minn Spanja, għandhom f'idejhom il-provinċja sħiħa Andalusjana bi ħsara kbira għall-ekonomija tan-nazzjon. Roqgħat kbar tal-art huma moħlija biex jitrabbew il-barrin għall-ġlied u l-ilma tax-xmajjar jibqa' sejjer għall-baħar flok jintuża għat-tisqija tal-għelieqi bla tarf li jagħtu wċuħ żgħar għax nieqsa minn koltivazzjoni bil-għaqal u nteressata. Imma qassam l-art fost il-bdiewa u tara kif jinbidel il-wiċċ tal-provinċja bit-tħabrik, bżulija, u nteress tal-bidwi li jaf li qed jaħdem f'biċċa raba' li hi tiegħu u li minnha jrid jaqla' l-għajxien ta' kuljum. Fil-kantini fejn isir l-inbid magħruf ta' Xeres, il-ħaddiema bil-ġurnata li jaħdmu fid-dwieli u fil-fabbriki jitolbu pagi u ikel aħjar. Dan l-ilma mdardar tal-inkwiet soċjali jrabbi l-mikrobu. Jidher il-predikatur tal-Kommuniżmu, Fernando Salvatierra. Il-fama ta' dan ix-xewwiex straordinarju tiġri bħal berqa fost il-merħla tal-faqar. Midħla ta' kemm-il ħabs hemm fit-tul u l-wisgħa ta' Spanja, Salvatierra jsum kuljum b'kisra ħobż u daqsxejn ġobon, għax igħid hu, sakemm hawn fuq l-art l-inġustizzja tal-imġewwaħ u tal-imxabba', jkun ħati ta' delitt kieku jiekol aħjar. Jorqod fl-art fuq ix-xkejjer bħall-ħaddiema, għalkemm dawn dejjem isibulu sodda mifruxa lis-"sinjur". Jixrob ilma biss, għaliex l-inbid, l-alla ferrieħ tal-Andalusjani, iqisu bħala l-morfina li traqqad fl-imħuħ tal-batuti s-sejħa tar-rewwixta l-kbira tal-proletarjat, miexi fid-dawl tal-kewkba ħamra, gwida tar-rivoluzzjoni soċjali. Dan hu l-messaġġ li jwassal Blasco Ibañez f'*La Bodega,* u ieħor jixxiebah hemm moħbi f'*La Horda* (1905) li jurina l-*marmalja* ta' żingari, ħaddiema bla xogħol, u kuntrabandisti qegħdin igħixu fil-kwartieri foqra u baxxi ta' Madrid.

B'hekk għalaq l-awtur it-tieni fażi ta' ħajtu letterarja, wara li qal f'dawn ir-rumanzi kull ma kellu xi jgħid dwar kustjonijiet soċjali, politiċi u reliġjużi. Il-ġudizzju tal-qarrej Kattolku jikkundanna d-dotrina u ħafna mill-fehmiet imfissra fir-rumanzi li fil-qalba tagħhom huma għal kollox bil-maqlub tat-tagħlim Nisrani. Jaħbtu ħażin ukoll mal-kritiku fitt, għaliex tneħħi *La Bodega* fejn l-element propagandist ma jitfix għal kollox l-interess tal-istorja, dawn ir-rumanzi aktar jixirqilhom l-isem ta' trattati twal politiċi-soċjali li għandhom jogħġbu lill-qarrej tal-istorja u tal-kustjonijiet soċjali, imma mhux lill-qarrej tal-letteratura. Għalhekk inħalluhom wara dahrna biex nidħlu fit-tielet fażi tal-awtur li fiha jinqatgħu mill-oħrajn iż-żewġ stejjer tal-Gwerra l-Kbira, *Los Cuatro Jinetes del Apocalipsis* (1916) u *Mare Nostrum* (1917).

*L-Erba' Rikkieba tal-Apokalissi* nkiteb fi żmenijiet meta l-Ewropa mwerwra kienet qiegħda tħares miblugħa lejn il-battalji ħorox li xarrbu l-art bid-dmija u ħarbtuha bil-qerda. Fil-ktieb imqaddes tal-"Apokalissi" miktub min San Ġwann fil-gżira ta' Patmos, niltaqgħu ma' tixbiħat u simboliżmu mill-isbaħ. Fis-sitt kapitlu jidhru l-erba' żwiemel tal-qerda bir-rikkieba fuqhom li, kif naqraw, "ingħatat lilhom is-setgħa fuq kwart tad-dinja biex joqtlu bis-sejf u bil-ġuħ u bil-mewt u bil-bhejjem tal-art." Ir-Rikkieba tal-Apokalissi, mela, m'humiex ħaġ'oħra ħlief simbolu tal-gwerra u tal-biki, ħerba u pesta li tħalli warajha. Magħruf sewwa huwa dak l-inkwatru inċiż fuq l-injam tal-Erba' Rikkieba tal-Apokalissi, maħdum mill-pittur Ġermaniż Albrecht Durer (1471-1528). Daqsu kbira, daqsu impressiva hija l-istampa ta' xi tfisser sewwa l-gwerra, li Blasco Ibañez pitter bis-saħħa tal-kelma miktuba f'dan ir-rumanz. Bih l-awtur laħaq il-quċċata tal-fama u tal-ġid finanzjarju li kittieb jista' qatt joħlom. Xi sena wara li deher fl-oriġinal Spanjol, ħarġet traduzzjoni tar-rumanz bl-Ingliż, u r-riżultat kien tal-għaġeb. Fi żmien sentejn, fl-Amerka biss, ħarġu mitejn edizzjoni b'għaxart elef kopja kull darba. F'Pariġi u fi New York, Blasco Ibañez sar l-idolu tas-soċjetà. Fil-Kungress Amerikan qam membru biex jintroduċi 'l-awtur lill-kamra, li mtliet biċ-ċapċip tar-Repubblikani, waqt li d-Demokratiċi baqgħu siekta bil-qiegħda. Xi qassisin Protestanti, imqarrqin bit-titlu bibliku tal-ktieb, talbu lit-"teologu" jfissrilhom xi punti mħawdin tal-Bibbja. Il-fama ta' Blasco Ibañez bħala rumanzier ta'

kalibru Ewropew qabdet vampa nar, u żdiedet tixtered meta kumpanija Amerikana ħadmet film fuq ir-rumanz. Tqum il-mistoqsija: Ħaqqu jew ma ħaqqux ir-rumanz it-tifħir u s-suċċess li kellu? Huwiex xi "ktieb tal-mument" li għax joħroġ meta l-pubbliku, iċ-ċirkostanzi, u r-realtà taż-żmenijiet jitolbu dik il-kwalità ta' qari jagħmel ħafna ħoss, imbagħad tgħaddi din il-burdata u jintesa? Inwieġbu li biċċa mis-suċċess liemabħalu li kellu r-rumanz għandna nfittxuha fil-materjal maħruġ fil-waqt opportun, imma jkollna nżidu li n-nifs u d-demm li għadhom iżommuh frisk u jingħoġob jinsabu fi preġji u kwalitajiet oħra li għandu. L-atmosfera tal-gwerra tinħoloq bil-ħila deskrittiva li turina Pariġi mħassba lejlet il-gwerra, il-battalji fuq il-front, u l-qtajjiet kbar tas-suldati ġisimhom imtertaq li jżuru l-għar tal-Madonna ta' Lourdes. B'sengħa fina l-awtur iħallina naraw il-bidla psikoloġika li ġiebet il-gwerra fin-natural tal-persunaġġi. Hemm paġni sħaħ meta l-pinna tal-awtur tinbidel f'vina li minnha tfur proża poetika. Niltaqgħu maċ-Centauro Madariaga, raġel ta' personalità qawwija u ndividwali li jdum żmien twil jagħrax il-fantasija tagħna bl-istramberiji ta' ħajtu. Imbagħad għal min f'rumanz ifittex xi ħaġa oħra barra l-interess ta' rakkont miktub tajjeb, hemm studju fil-fond u mill-ifjen fir-ruħ tal-mentalità militarista Ġermaniża.

F'idejn awtur bħal Blasco Ibañez, b'għajnejh miftuħin dejjem għal sitwazzjonijiet u ħinijiet drammatiċi, tlaqqigħ ta' karattri fil-morsa ta' passjonijiet, u deħriet li jistiednu d-don sabiħ tad-deskrizzjoni, il-*Mare Nostrum* huwa baħar wiesa' li jesa' t-tħaddim ta' dawn it-tliet kwalitajiet f'ħin wieħed. *Il-Baħar Tagħna* huwa l-vapur tal-kaptan Ulises Ferragut, li wara waqfa twila mdawwar biż-żegħil ta' spjuna Ġermaniża, jaċċetta li jġorr tagħbijiet taż-żejt lis-*submarines* Ġermaniżi fil-Mediterran. Ibnu jmut meta l-vapur li bih kien sejjer għal Marsilja jegħreq b'*torpedo* ta' wieħed minn dawn is-sottomarini. Il-missier mgħolli jaqsam l-ibħra biex jitħallas mill-qattiela t'ibnu, u waqt li kien qed jaqdi dan id-dmir ta' tpattija, il-vapur tiegħu jgħarrquh il-Ġermaniżi. Is-separju jinżel bil-mod il-mod biex iħallilna żmien naraw lill-kaptan Ferragut qiegħed jitħabat mal-mewġ sakemm jintilef minn sensih u jinżel.

Vicente Blasco Ibañez ġieli jissejjaħ il-Goya tal-lettera-

tura Spanjola. Il-pittur Spanjol, Francisco de Goya (1746-1828) għamel isem bir-realiżmu bla ħniena li bih kien joħroġ riżultati mill-aqwa fil-kwadri meħudin mill-ħajja li pinġa. Blasco Ibañez, li t-taqlib ta' ħajtu jixbah ukoll dak tal-pittur, huwa kittieb realista għaliex l-għajn li minnha jiġbed l-ispirazzjoni għall-kitba tiegħu kollha hija d-dinja wil-ħajja tagħna l-bnedmin. Għalih id-dinja tal-fantasija ma teżistix. L-awtur donnu ggranfat mal-ħajja u l-veritajiet ibsin tagħha. F'kemm il rumanz tiegħu tiltaqa' mal-kelmiet "il-ġlieda eterna tal-bniedem", ġlieda li sseħħ f'kull fergħa tal-ħidma umana, fl-arti, fl-industrija, fl-idejal, fl-istorja, fl-art u fil-baħar? Kif jaraha l-awtur, id-dinja ta' madwarna, bħal bhima mġewħa, għandha difrejha ħomor bid-demm tal-vittmi tagħha. Imma n-nies li jurina qegħdin jieħdu sehem fil-ġlieda mal-ħajja huma lkoll karattri b'saħħithom. Xi drabi joħorġu teil'efa fil-ġlieda mad-dinja ta' madwarhom, imma xi jkun ġara b'daqshekk? L-istorja tal-ħajja ta' kull wieħed minna taħbiha ommna l-ħamrija, "din l-omm żorra li tħares siekta lejn it-taħbit tal-bnedmin, għaliex taf li kobor u ambizzjonijiet, tbatija u għamil tal-ġenn iridu jitmermru f'ġufha, bla ebda riżultat ieħor ħlief it-tiġdid etern tal-ħajja". Il-bniedem jiġi u jmur, imma ħajtu hija qatra li tgħin ix-xmara kbira tal-ħolqien biex tibqa' sejra. Din ix-xejra filosofika tal-ħajja ta' Blasco Ibañez tidher ukoll fit-tmiem sewwa tar-rumanz klassiku *Sangre y Arena*, magħruf minn miljuni ta' nies li raw il-film *Blood and Sand*. Il-ġellied tat-toru, Juan Gallardo, wara karriera mill-isbaħ, imut imniffed bil-qrun tal-barri fl-ewwel nofs tal-wirja. Imma isma' l-għajjat itarrax tal-poplu malli joħroġ ġellied ieħor! Il-logħob ħa jibqa' sejjer!

Nagħlaq dan l-istudju fuq nota personali. Bħal kull awtur li jikteb ħafna, Blasco Ibañez jiġu xi drabi li jirrepeti ruħu fil-mod kif jippreżenta l-fatti, f'xi inċidenti, fl-idejat, saħansitra fil-karattri. Meta jiġri dan tista' tgħid li l-bir tal-idejat u tal-immaġinazzjoni jkun għoddu nixef. Għalhekk ikun wasal il-waqt li ddur għal kittieba oħra li jifthulek dinjiet ġodda tal-ħsieb u tal-gost. Imma minħabba d-dejn tax-xhur ta' kumpanija li żammli dan l-awtur Spanjol, ridt inwassal lill-qarrejja Maltin imqar xrara żgħira tal-fjamma tiegħu li għadha tixgħel, u tibqa', fit-tempju kbir tal-letteratura Spanjola.

ĠORĠ CASSAR.